# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 13





## LA SALETTE

### 19 ta' Settembru, 1846

Fl-Alpi Franċiżi
Marija dehret lil żewġt itfal.
Rawha tibki. Kienet liebsa kostum sabiħ tal-lokal. F'rasha kellha bħal kuruna tal-ward. Ħannieqa kbira tal-Ward li jfissru l-opri t-tajba
u ħannieqa b'katina tal-metal, li huma d-dnubiet li jassruna.
Salib kbir bi **Tnalja** n-naħa tal-id tal-lemin u **Martell** lejn dik tax-xellug.
Marija qaltilhom li ma tiflaħx iżżomm aktar id-driegħ tal-Ġustizzja ta' Alla.
L-aktar għaż-żewġ dnubiet kbar tal-post – id-Dagħa u t-Tkasbir ta' Jum il-Mulej.



It-Tnalja tfisser l-opri tajba tat-tajbin li bihom jirreparaw ghall-offiżi lejn Ġesù;
il-Martell – d-dnubiet li sammru lil Ġesù.
**La Salette – Messagg qawwi għall-konverzjoni.**
Ir-Rużarju huwa Tnalja li tirrepara l-offiżi li bihom ikun offiż il-Mulej u bih nikkunslaw il-Qalb Immakulata ta' Marija.



**"Qatt ma naghtu unur lil Ġesù daqs meta nonoraw lil Ommu,
u nonorawha sempliċiment u bil-għan biss biex nonoraw lilu aktar perfettament. Immorru għandha biss bħala t-triq li twassalna lejn l-għan li qed infittxu – Binha Ġesù.**

**San Alwiġi Maria de Montfort**

## FATIMA:
## tat-13 ta' Lulju, 1917

**Is-Sinjura ma hasbitiex darbtejn li tbeżża' lit-tfal minkejja l-età tenera taghhom – uriethom l-Infern. Luċija tghid li ma mietux għal żewġ raġuniet: l-ewwel għax Is-Sinjura kienet ġa weghdithom li se teħodhom magħha;
it-tieni, għax id-dehra kienet ta' ftit sekondi. 'Kieku konna mmutu bil-biża'!**

**Fid-Dehra t'Awwissu, 1917, Is-Sinjura ta' Fatima talbet lit-tfal jitolbu u jgħidu r-Rużarju u jagħmlu sagrifiji ċċi : 'Ħafna qed jintilfu għax m'hemmx min jitlob għalihom!'**

**NISTGĦU MA NAGĦTUX WIDEN GĦAL APPELLI DAQSTANT ĦERQANA ĠEJJIN MINN DIN L-OMM TAGĦNA TAS-SEMA ?**